Verżjoni Elettronika

A.L. 112 tal-2024

ATT DWAR L-AMMINISTRAZZJONI PUBBLIKA (KAP. 595)

Ordni tal-2024 li jwaqqaf Xjenza Malta bħala Aġenzija

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 26 tal-Att dwar l-Amministrazzjoni Pubblika, il-Prim Ministru għamel dan l-ordni li ġej:-

1. It-titolu ta' dan l-ordni hu l-Ordni tal-2024 li jwaqqaf Xjenza Malta bħala Aġenzija. Titolu.

2. F'dan l-ordni, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma teħtieġx xort'oħra: Tifsir.

"Aġenzija" tfisser Xjenza Malta stabbilita skont it-termini tal-artikolu 3 u tinkludi kwalunkwe persuna li taġixxi għan-nom tagħha taħt is-setgħat delegati mill-Aġenzija lil dik il-persuna skont id-dispożizzjonijiet ta' dan l-ordni;

"Att" tfisser l-Att dwar l-Amministrazzjoni Pubblika; Kap. 595.

"Bord Konsultattiv" tfisser il-Bord Konsultattiv maħtur skont it-termini tal-artikolu 12;

"Chairperson" tfisser iċ-Chairperson tal-Kumitat Konsultattiv maħtur skont l-artikolu 9(2);

"Kumitat Konsultattiv" tfisser il-Kumitat Konsultattiv maħtur skont it-termini tal-artikolu 9;

"Ministru" tfisser il-Ministru responsabbli għar-riċerka u l-innovazzjoni;

"persuna konnessa" tfisser persuna konnessa ma' membru tal-Bord jew membru tal-Kumitat, billi:

(a) tkun il-mara jew ir-raġel jew is-sieħeb jew is-sieħba ta' membru tal-Bord jew membru tal-Kumitat, wild jew wild tar-rispett, ġenitur, koabitant skont it-termini tal-Att dwar il-Koabitazzjoni, u kwalunkwe dipendenti ieħor ta' dak il-membru tal-Bord jew membru tal-Kumitat; Kap. 614.

(b) tkun korp ġuridiku li fih il-membru tal-Bord,

Verżjoni Elettronika

membru tal-Kumitat jew kwalunkwe persuna prevista fil-paragrafu (a):

(i) għandha ishma ta' valur nominali li huwa ugwali għal mill-inqas għoxrin fil-mija (20%) tal-kapital azzjonarju ta' tali korp ġuridiku; jew

(ii) hija intitolata għall-kontroll tal-eżerċizzju ta' aktar minn għoxrin fil-mija (20%) tal-poter ta' votazzjoni fi kwalunkwe laqgħa ġenerali ta' tali korp ġuridiku;

(ċ) taġixxi fil-kapaċità ta' trustee fir-rigward ta' kwalunkwe trust, li l-benefiċjarji tagħha jinkludu:

(i) il-membru tal-Bord, il-membru tal-Kumitat, jew kwalunkwe persuna oħra prevista fil-paragrafu (a); jew

(ii) korp ġuridiku kif previst fil-paragrafu (b); jew

(d) taġixxi fil-kapaċità ta' sieħeb fin-negozju ta' tali membru tal-Bord, membru tal-Kumitat jew ta' kwalunkwe persuna li, skont il-paragrafi (a), (b) jew (ċ) hija konnessa mal-membru tal-Bord jew mal-membru tal-Kumitat;

"Segretarju Permanenti" tfisser is-Segretarju Permanenti fil-Ministeru responsabbli għar-riċerka u l-innovazzjoni;

"sena finanzjarja" tfisser perjodu ta' tnax (12)-il xahar li jibda fl-1 ta' Jannar u jintemm fil-31 ta' Diċembru ta' kull sena;

"Uffiċjal Kap Eżekuttiv" tfisser l-Uffiċjal Kap Eżekuttiv appuntat skont it-termini tal-artikolu 7;

"xjenza" tfisser l-istudju sistematiku u l-applikazzjoni tal-għarfien tad-dinja fiżika, naturali u soċjali permezz tal-osservazzjoni, l-esperimentazzjoni u l-ittestjar tat-teoriji kontra l-evidenza miksuba, bil-għan li jinkiseb fehim aħjar tad-dinja fiżika, naturali u soċjali sabiex b'hekk tkun tista' ssir l-innovazzjoni.

Twaqqif tal-Aġenzija.

3. (1) Għandu jkun hemm Aġenzija li għandha tkun magħrufa bħala Xjenza Malta.

(2) L-Aġenzija għandha tkun korp ġuridiku b'personalità ġuridika distinta u għandu jkollha l-kapaċità li tidħol f'kuntratti, li

Verżjoni Elettronika

takkwista, iżżomm u tiddisponi permezz ta' kwalunkwe titolu,kwalunkwe tip ta' proprjetà għall-finijiet tal-funzjonijiet tagħha, li tħarrek u li tiġi mħarrka, li twettaq dawk il-ħwejjeġ kollha u li tidħol f'dawk it-transazzjonijiet kollha li huma inċidentali jew li jwasslu għall- eżerċizzju tal-funzjonijiet tagħha taħt dan l-ordni, inkluż is-self ta' flus.

(3) Ir-rappreżentanza legali u ġuridika tal-Aġenzija għandha tkun vestita fl-Uffiċjal Kap Eżekuttiv:

Iżda l-Uffiċjal Kap Eżekuttiv jista' jaħtar lil kwalunkwe persuna jew persuni sabiex jidhru f'isem u għan-nom tal-Aġenzija fi kwalunkwe proċediment u fi kwalunkwe att, kuntratt, strument jew xi dokument ieħor ikun li jkun, b'dawk is-setgħat u skont dawk it-termini u l-kondizzjonijiet li jistgħu jiġu determinati minnu minn żmien għal żmien, liema setgħat jistgħu jinkludu s-setgħa tad- delega.

(4) Kwalunkwe dokument li jidher li huwa strument magħmul jew maħruġ mill-Aġenzija u ffirmat mill-Uffiċjal Kap Eżekuttiv jew minn kwalunkwe uffiċjal delegat f'isem l-Aġenzija għandu jiġi ammess bħala prova u għandu, sakemm ma jiġix pruvat xort'oħra, jitqies li huwa strument magħmul jew maħruġ mill-Aġenzija.

Funzjonijiet tal-Aġenzija.

4. (1) Għandha tkun il-funzjoni u l-għan tal-Aġenzija li:

(a) tikkoordina u tikkonsolida l-isforz nazzjonali għall-programmi tar-riċerka u l-innovazzjoni;

(b) tiġġestixxi l-allokazzjoni finanzarja nazzjonali għar-riċerka, l-iżvilupp u l-innovazzjoni;

(ċ) hija stess, jew f'kollaborazzjoni ma' entitajiet oħra, tiżviluppa programmi ta' finanzjament tar-riċerka mmirati sabiex jassistu setturi ta' riċerka u innovazzjoni meqjusa ta' rilevanza nazzjonali;

(d) hija stess, jew f'kollaborazzjoni ma' entitajiet oħra jew f'isem entitajiet oħra, tistabbilixxi jew tagħti borož ta' studju jew fellowships lil studenti jew riċerkaturi;

(e) hija stess, jew f'kollaborazzjoni ma' entitajiet oħra jew f'isem entitajiet oħra, torganizza programmi edukattivi, skambji ta' studenti u letturi, opportunitajiet ta' studju jew riċerka jew kwalunkwe attivitajiet oħra li jiffaċilitaw, itejbu u, jew jinkoraġġixxu l-edukazzjoni;

(f) tistabbilixxi, timplimenta u tiġġestixxi skemi ta' finanzjament ibbażati fuq għotjiet u skemi ta' finanzjament

Verżjoni Elettronika

imħallat għar-riċerka, l-iżvilupp u l-innovazzjoni;

(g) tipprovdi appoġġ lir-riċerkaturi u lit-teknoloġisti fl-iżvilupp tal-ideat, il-proġetti u l-prodotti tagħhom;

(h) tissottometti proposti u rakkomandazzjonijiet lill-Gvern fuq pożizzjonijiet nazzjonali dwar kwistjonijiet ta' riċerka u innovazzjoni;

(i) tipparteċipa b'mod attiv fil-proċess nazzjonali ta' ppjanar soċjoekonomiku kif ukoll sabiex twaqqaf networks ta' esperti u organizzazzjonijiet professjonali sabiex jassistu fil-formulazzjoni ta' politiki ta' riċerka u innovazzjoni, l-implimentazzjoni ta' programmi rilevanti u sabiex jissorvelja oqsma fir-riċerka u l-innovazzjoni li jistgħu jkunu ta' interess għal Malta;

(j) tħejji valutazzjonijiet perjodiċi dwar l-effikaċja, ir-rilevanza u l-impatt tar-riċerka u l-innovazzjoni f'Malta;

(k) torganizza attivitajiet ta' riċerka u innovazzjoni li huma ta' benefiċċju pubbliku;

(l) tippromwovi l-armonizzazzjoni u l-allinjament fil-politiki u l-istrateġiji tal-Gvern dwar ir-riċerka u l-innovazzjoni;

(m) tiffaċilita l-kollaborazzjoni internazzjonali bejn il-komunitajiet tar-riċerka, l-iżvilupp u l-innovazzjoni permezz tal-implimentazzjoni ta' programmi ta' finanzjament reġjonali u internazzjonali, inklużi programmi bilaterali u multilaterali u skemi ta' appoġġ;

(n) tipparteċipa b'mod attiv fil-fora rilevanti ta' politika tal-Unjoni Ewropea, reġjonali u internazzjonali li huma relatati mar-riċerka, l-iżvilupp u l-innovazzjoni, għal gwida strateġika attwali dwar il-prijoritajiet reġjonali u internazzjonali u l-implimentazzjoni tagħhom permezz ta' strumenti ta' finanzjament tal-Unjoni Ewropea, reġjonali u internazzjonali, u għall-promozzjoni internazzjonali tas-settur tar-riċerka, l-iżvilupp u l-innovazzjoni ta' Malta;

(o) tikkoordina l-attivitajiet diplomatiċi tax-xjenza, inkluż l-assessjar b'mod regolari tal-opportunitajiet sabiex jittrawmu sħubijiet strateġiċi relatati mar-riċerka, l-iżvilupp u l-innovazzjoni għal opportunitajiet kollaborattivi internazzjonali;

(p) taġixxi bħala l-Punt ta' Kuntatt Nazzjonali ta' Malta għall-Programmi Qafas tal-Unjoni Ewropea għar-Riċerka u l-

Verżjoni Elettronika

Innovazzjoni;

(q) tiżviluppa l-portafoll ta' appoġġ tal-istruttura tal-Punti ta' Kuntatt Nazzjonali ta' Malta sabiex tassisti applikanti potenzjali u benefiċjarji tal-Programmi Qafas tal-Unjoni Ewropea;

(r) tistabbilixxi, tinnomina u żżomm l-istruttura li fuqha hija msejsa s-sħubija tal-Kumitat tal-Programm, kemm fil-livell tad-delegati u tal-esperti, għall-implimentazzjoni tal-Programm Qafas tal-Unjoni Ewropea għar-Riċerka u l-Innovazzjoni;

(s) tistabbilixxi, timplimenta u tiġġestixxi kwalunkwe skema nazzjonali ta' appoġġ fir-rigward tal-parteċipazzjoni ta' Malta fil-Programm Qafas tal-Unjoni Ewropea għar-Ricerka u l-Innovazzjoni;

(t) tiżviluppa, tissorvelja u taġġorna l-politika spazjali nazzjonali u l-qafas legali kif meħtieġ;

(u) taġixxi bħala l-organizzazzjoni istituzzjonali ta' kollegament ta' Malta mal-Aġenzija Ewropea tal-Ispazju, inkluż il-parteċipazzjoni fl-istrutturi ta' ħidma preparatorji tal-Aġenzija Ewropea tal-Ispazju ;

(v) tissorvelja l-iżvilupp ta' inizjattivi kollaborattivi tal-Unjoni Ewropea, reġjonali u internazzjonali fil-qasam spazjali;

(w) tippromwovi l-edukazzjoni relatata mal-ispazju;

(x) tistabbilixxi, tiġġestixxi u topera ċentri ta' riċerka u xjenza, esperjenzi interattivi, esibizzjonijiet, wirjiet edukattivi, mużewijiet tax-xjenza jew kwalunkwe sforz informattiv jew edukattiv ieħor li jkun miftuħ għall-viżitaturi;

(y) twettaq attivitajiet relatati mal-kummerċjalizzazzjoni tax-xjenza, it-teknoloġija, ir-riċerka u l-innovazzjoni; u

(z) twettaq bejgħ jew xiri bl-imnut, tippromwovi prodotti ġodda, tagħti u tirċievi sponsorships, tipprepara, tqassam u tbigħ pubblikazzjonijiet, torganizza u tikkonduċi programmi ta' taħriġ u tikri postijiet għal attivitajiet.

(2) L-Aġenzija għandha, fit-twettiq tal-funzjonijiet tagħha, tqis l-interess pubbliku u għandha tħejji u tippubblika rapport annwali dwar l-attivitajiet tagħha b'mod ġenerali.

(3) Bla ħsara għas-subartikolu (1), il-Ministru jista', minn

Verżjoni Elettronika

żmien għal żmien, jagħti lill-Aġenzija direzzjonijiet, li ma għandhomx ikunu inkonsistenti mad-dispożizzjonijiet ta' dan l-ordni, li għandhom jiġu segwiti mill-Aġenzija fit-twettiq tal-funzjonijiet tagħha taħt dan l-ordni, u l-Aġenzija għandha, hekk kif ikun prattikabbli, tagħti effett lil dawk id-direzzjonijiet kollha.

(4) Il-Ministru għandu jkollu rwol ta' tmexxija sabiex jiżgura s-sjieda, il-koordinazzjoni u t-trasparenza ta' kwistjonijiet ta' riċerka u innovazzjoni, u sabiex jiżgura li l-Aġenzija tkun infurmata bis-sħiħ dwar direzzjonijiet strateġiċi tal-Gvern fir-rigward ta' dan l-ordni:

Iżda għandu jkun id-dmir tal-Aġenzija li teżegwixxi b'mod xieraq tali politiki.

(5) L-Aġenzija għandha, fit-twettiq tal-funzjonijiet tagħha taħt dan l-ordni, tirregola l-proċedura tagħha.

Setgħat tal-Aġenzija.

5. (1) L-Aġenzija għandu jkollha tali setgħat li jistgħu jkunu meħtieġa jew li jistgħu jwasslu għat-twettiq adegwat u għall-milja tal-funzjonijiet kollha tagħha taħt dan l-ordni u, mingħajr limitazzjoni għal tali ġeneralità, iżda soġġett għal kwalunkwe rekwiżiti taħt xi liġi oħra, għandu jkollha l-awtorità u s-setgħa li:

(a) taħtar kumitati tekniċi u konsultattivi;

(b) toħroġ, tiġġestixxi, timplimenta u tissorvelja skemi pubbliċi ta' finanzjament ta' attivitajiet ta' riċerka, żvilupp u innovazzjoni;

(ċ) toħloq u tiġġestixxi skemi pubbliċi oħra sabiex tappoġġa u tassisti l-ħila tal-impriżi pubbliċi u privati li jieħdu sehem fl-iskemi ta' finanzjament tar-riċerka, l-iżvilupp u l-innovazzjoni;

(d) tikkoopera mill-qrib ma' aġenziji oħra, awtoritajiet pubbliċi u dipartimenti tal-Gvern sabiex jappoġġaw u jiffaċilitaw l-eżekuzzjoni f'waqtha u effettiva tar-rwoli u r-responsabbiltajiet ta' implimentazzjoni tagħhom, u b'dan il-mod tikkontribwixxi għat-twettiq b'suċċess tal-istrateġiji u l-politika nazzjonali tar-riċerka u l-innovazzjoni;

(e) tipprovdi servizzi jew faċilitajiet ta' konsulenza jew servizzi jew faċilitajiet oħra fir-rigward ta' kwalunkwe waħda mill-funzjonijiet tagħha, jew sabiex tassisti fil-provista tagħhom;

(f) toħroġ u tippubblika linji gwida sabiex tirregola organizzazzjonijiet tar-riċerka;

Verżjoni Elettronika

(g) toħroġ talbiet vinkolanti għal informazzjoni, inkluża data teknika, minn entitajiet oħra dwar kwistjonijiet li jaffettwaw il-politika u l-ipprogrammar tar-riċerka, l-iżvilupp u l-innovazzjoni;

(h) tistabbilixxi u żżomm relazzjonijiet istituzzjonali ma' organizzazzjonijiet barranin li jiffinanzjaw ir-riċerka u korpi internazzjonali rilevanti oħra;

(i) tidħol fi ftehim bilaterali u multilaterali ma' entitajiet lokali u barranin fil-qasam tal-iżvilupp tar-riċerka u l-innovazzjoni; u

(j) tipparteċipa fi proġetti kollaborattivi allinjati mal-funzjonijiet ewlenin tal-Aġenzija.

(2) L-Aġenzija tista', bl-awtorizzazzjoni preċedenti tal-Ministru, tieħu sehem fil-formazzjoni ta' kumpanija, fondazzjoni, assoċjazzjoni jew kwalunkwe korp ġuridiku ieħor li jkun rikonoxxut skont id-dispożizzjonijiet tat-Tieni Skeda li tinsab mal-Kodiċi Ċivili, jew tidħol f'impriżi konġunti jew soċjetajiet bil-għan li taqdi xi waħda mill-funzjonijiet tagħha. Kap. 16.

(3) Fejn meħtieġ fit-twettiq tal-funzjonijiet tagħha, l-Aġenzija tista' wkoll tamministra u torganizza panels jew kumitati tal-awditjar għall-aġġudikazzjoni ta' għotjiet, boroż ta' studju u finanzjament relatat mal-edukazzjoni, ir-riċerka, l-iżvilupp u l-innovazzjoni.

Organizzazzjoni tal-Aġenzija.

6. L-Aġenzija għandha, b'konsultazzjoni mal-Ministru, tistabbilixxi u torganizza mill-ġdid l-unitajiet, diviżjonijiet u sezzjonijiet tal-Aġenzija kif xieraq sabiex teżerċita l-funzjonijiet tagħha.

Uffiċjal Kap Eżekuttiv.

7. (1) Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet l-oħra ta' dan l-ordni, it-tmexxija eżekuttiva tal-Aġenzija, l-amministrazzjoni, l-organizzazzjoni u l-kontroll amministrattiv tagħha tal-uffiċjali u l-impjegati tagħha għandhom ikunu r-responsabbiltà tal-Uffiċjal Kap Eżekuttiv, li għandu jinħatar mill-Ministru.

(2) L-Uffiċjal Kap Eżekuttiv għandu jkun responsabbli għall-implimentazzjoni tal-għanijiet tal-Aġenzija fl-eżerċizzju tal-funzjonijiet tagħha u, bla ħsara għall-ġeneralità tas-subartikolu (1), għandu:

(a) jassumi r-responsabbiltà sħiħa għas-superviżjoni u t-tmexxija ġenerali tal-unitajiet, diviżjonijiet u sezzjonijiet;

(b) jassenja lil kull unità, diviżjoni u sezzjoni tali

Verżjoni Elettronika

dmirijiet li jidhirlu meħtieġa jew spedjenti;

(ċ) jikkoordina x-xogħol tal-unitajiet, diviżjonijiet u sezzjonijiet;

(d) jiżviluppa l-istrateġiji meħtieġa għall-implimentazzjoni tal-objettivi tal-Aġenzija; u

(e) jaqdi tali dmirijiet oħra li l-Ministru jista' jassenja lilu minn żmien għal żmien.

(3) L-Uffiċjal Kap Eżekuttiv għandu jkollu tali setgħat kif jistgħu jkunu meħtieġa minn żmien għal żmien għat-twettiq tal-funzjonijiet b'dan l-ordni, u tali setgħat oħra kif jistgħu jiġu mogħtija jew delegati lilu mill-Ministru jew mid-delegat tiegħu.

Ftehim dwar il-ħidma tal-Aġenzija.

8. L-operazzjonijiet tal-Aġenzija għandhom ikunu stabbiliti fil-ftehim dwar il-ħidma tal-Aġenzija magħmul skont id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 30 tal-Att.

Il-Kumitat Konsultattiv.

9. (1) Il-Ministru għandu jwaqqaf Kumitat Konsultattiv sabiex jipprovdi opinjonijiet esperti dwar id-direzzjoni strateġika ġenerali u l-politiki ġenerali tal-Aġenzija.

(2) Il-Kumitat Konsultattiv għandu jikkonsisti mill-Uffiċjal Kap Eżekuttiv bħala membru *ex officio*, u minn Chairperson u sitt (6) membri oħra li għandhom jiġu maħtura mill-Ministru.

(3) Il-Ministru għandu jagħżel il-membri minn fost persuni li hu jqis kwalifikati għar-raġuni li kellhom esperjenza ta', u wrew il-kapaċità, fi kwistjonijiet relatati mal-funzjonijiet tal-Aġenzija taħt dan l-ordni.

(4) Ir-rimunerazzjoni mħallsa lill-membri tal-Kumitat Konsultattiv għandha tkun skont kwalunkwe direttivi u linji gwida li jistgħu jinħarġu mill-Aġenzija minn żmien għal żmien.

(5) Il-Kumitat Konsultattiv għandu jagħmel rakkomandazzjonijiet u jirrapporta lill-Ministru.

Terminu tal-ħatra ta' membri tal-Kumitat Konsultattiv.

10. (1) Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet tas-subartikolu (3) u l-artikolu 11, il-membri tal-Kumitat Konsultattiv għandhom jokkupaw il-kariga għal perjodu ta' tliet (3) snin u b'dawk il-pattijiet u l-kondizzjonijiet li l-Ministru jista' jqis xierqa:

Iżda membru għandu, mal-iskadenza tat-terminu tal-ħatra tiegħu, ikun eliġibbli sabiex jiġi maħtur mill-ġdid.

(2) Il-Ministru jista' fi kwalunkwe ħin jittermina l-ħatra ta'

Verżjoni Elettronika

kwalunkwe membru tal-Kumitat Konsultattiv jekk il-Ministru jikkunsidra li tali membru mhux idoneju sabiex ikompli fil-kariga jew ma baqax kapaċi li jwettaq kif xieraq id-dmirijiet ta' membru tal-Kumitat Konsultattiv.

(3) Jekk membru jinħatar fi kwalunkwe ħin wara li xi membru wieħed (1) jew iktar ikunu diġà ġew maħtura, it-terminu tal-ħatra tal-membri kollha għandu jintemm f'għeluq it-tliet (3) snin mid-data tal-ħatra tal-ewwel membru bħala membru tal-Kumitat Konsultattiv.

Segretarju tal-Kumitat Konsultattiv.

11. (1) Għandu jiġi maħtur Segretarju għall-Kumitat Konsultattiv, li għandu jinħatar mill-Ministru għal perjodu ta' tliet (3) snin u għandu, mal-iskadenza tat-terminu tal-ħatra, ikun eliġibbli sabiex jiġi maħtur mill-ġdid. Meta s-Segretarju jiġi maħtur fi kwalunkwe ħin wara li kwalunkwe membru wieħed (1) jew iktar ikunu diġà ġew maħtura, t-terminu tal-ħatra tas-Segretarju għandu jintemm f'għeluq it-tliet (3) snin mid-data tal-ħatra tal-ewwel membru bħala membru tal-Kumitat Konsultattiv.

(2) Is-Segretarju għall-Kumitat Konsultattiv ma għandux ikun membru tal-Kumitat Konsultattiv, iżda għandu jattendi l-laqgħat tal-Kumitat Konsultattiv.

(3) Is-Segretarju tal-Kumitat Konsultattiv għandu jkun responsabbli għaż-żamma tal-minuti tal-laqgħat tal-Kumitat Konsultattiv u għaż-żamma u l-aġġornament ta' tali reġistri u rekords li s-Segretarju jista' jintalab li jżomm mill-Kumitat Konsultattiv.

(4) Is-Segretarju tal-Kumitat Konsultattiv għandu jiżgura li jagħti mill-inqas sebat (7) ijiem preavviż tal-laqgħat kollha lill-membri kollha tal-Kumitat.

Il-Bord Konsultattiv.

12. (1) Il-Ministru jista' jwaqqaf Bord Konsultattiv sabiex jassisti lill-Uffiċjal Kap Eżekuttiv fil-qadi ta' dmirijietu.

(2) Il-Bord Konsultattiv għandu jkun presedut mill-Uffiċjal Kap Eżekuttiv u għandu jikkonsisti f'mhux inqas minn żewġ (2) membri u mhux iktar minn erba' (4) membri maħtura mill-Ministru.

(3) Ir-rimunerazzjoni li titħallas lill-membri tal-Bord Konsultattiv għandha tkun skont id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 33 tal-Att.

(4) Bla ħsara għal kwalunkwe dispożizzjoni oħra ta' dan l-ordni, il-Bord Konsultattiv jista' jagħmel ir-regoli tiegħu stess u xort'oħra jirregola l-proċeduri tiegħu stess.

Verżjoni Elettronika

Dmirijiet tal-membri tal-Kumitat Konsultattiv u tal-Bord Konsultattiv.

13. Bla ħsara għal kwalunkwe dmir ieħor assenjat lill-membri tal-Kumitat Konsultattiv jew lill-membri tal-Bord Konsultattiv, kemm jekk individwalment jew kollettivament b'dan l-ordni jew kwalunkwe liġi oħra, il-membri tal-Bord Konsultattiv u l-membri tal-Kumitat Konsultattiv għandhom:

(a) jaġixxu onestament u bil-*bona fede* u jippromwovu l-aħjar interessi tal-Aġenzija u tal-promozzjoni u l-iżvilupp tar-riċerka, l-iżvilupp u l-innovazzjoni;

(b) ikunu obbligati sabiex jeżerċitaw grad ta' kura, diliġenza u ħila eżerċitati minn persuna li hija raġonevolment diliġenti li jkollha:

(i) l-għarfien, il-ħila u l-esperjenza li huma raġonevolment mistennija minn persuna li twettaq l-istess funzjonijiet kif imwettqa jew fdati lit-tali membru tal-Bord Konsultattiv jew membru tal-Kumitat Konsultattiv relatati mal-Aġenzija; u

(ii) l-għarfien, il-ħila u l-esperjenza li għandu tali membru tal-Bord jew membru tal-Kumitat Konsultattiv;

(ċ) ma jagħmlux kwalunkwe profitt mill-pożizzjoni tagħhom, u lanqas jagħmlu gwadann personali jew jagħtu kwalunkwe vantaġġ lil xi terza persuna mill-informazzjoni kunfidenzjali tal-Aġenzija;

(d) jiżguraw li l-interessi personali tagħhom ma jkunux f'kunflitt mal-interessi tal-Aġenzija;

(e) ma jużaw l-ebda proprjetà jew informazzjoni tal-Aġenzija għall-benefiċċju tagħhom jew għall-benefiċċju ta' kwalunkwe persuna oħra, u bl-ebda mod ma għandhom jiksbu xi benefiċċju ieħor b'rabta mal-eżerċizzju tas-setgħat tagħhom; u

(f) jeżerċitaw unikament is-setgħat li għandhom għall-finijiet li għalihom is-setgħat huma konċessi u ma jagħmlux użu ħażin minn tali setgħat.

Skwalifika milli wieħed ikun membru tal-Kumitat Konsultattiv jew il-Bord Konsultattiv.

14. (1) Persuna fiżika għandha tkun skwalifikata milli tiġi maħtura jew milli tibqa' membru tal-Kumitat Konsultattiv jew tal-Bord Konsultattiv, jekk dik il-persuna:

(a) hija Ministru jew Segretarju Parlamentari;

(b) hija mħallef jew maġistrat tal-Qrati tal-Ġustizzja;

Verżjoni Elettronika

(ċ) hija legalment inabilitata jew interdetta;

(d) ġiet dikjarata falluta (not in EN version pls) jew għamlet kompożizzjoni jew arranġament mal-krediturі tagħha;

(e) hija suġġetta għal ordni ta' skwalifika skont l-artikolu 320 tal-Att dwar il-Kumpaniji jew hija suġġetta għal black listing kif provdut fir-Regolamenti dwar l-Akkwist Pubbliku; Kap. 386. L.S. 601.03.

(f) għandha kwalunkwe interess finanzjarju personali jew kummerċjali fi kwalunkwe negozju, intrapriża, jew attività li hija relatata ma' kwalunkwe mill-funzjonijiet tal-Aġenzija u li x' aktarx taffettwa l-indipendenza tagħha jew l-oġġettività tagħha fit-twettiq xieraq tal-funzjonijiet bħala membru tal-Kumitat Konsultattiv jew tal-Bord Konsultattiv; jew

(g) hija persuna konnessa mal-persuna msemmija fil-paragrafu (f).

(2) Minkejja dak stabbilit aktar 'il fuq, jew kwalunkwe dispożizzjoni oħra ta' dan l-ordni jew ta' kwalunkwe liġi oħra, l-ebda persuna li tokkupa kariga pubblika jew xi kariga fi kwalunkwe aġenzija jew korp stabbilit bil-liġi jew kumpanija li fiha l-Gvern għandu kontroll effettiv, ma għandha tkun skwalifikata milli tokkupa l-kariga ta' Uffiċjal Kap Eżekuttiv tal-Aġenzija, membru tal-Kumitat Konsultattiv, membru tal-Bord Konsultattiv jew Segretarju tal-Kumitat Konsultattiv tal-Aġenzija.

15. (1) Kwalunkwe membru tal-Kumitat jew membru tal-Bord li għandu interess dirett jew indirett fi kwalunkwe proġett, proposta ta' riċerka, għotja, borża ta' studju, finanzjament, appoġġ jew kwistjoni oħra li tkun qed tiġi kkunsidrata jew proposta li tiġi kkunsidrata mill-Kumitat Konsultattiv jew mill-Bord Konsultattiv, li mhux interess li jiskwalifika lil dak il-membru skont l-artikolu 14 milli jkun jew milli jibqa' membru, għandu jiżvela n-natura ta' dak l-interess, jew jekk applikabbli, in-natura tal-interess tal-persuna konnessa, fl-ewwel laqgħa tal-Kumitat Konsultattiv jew tal-Bord Konsultattiv skont il-każ, wara li l-fatti rilevanti jkunu saru magħrufa minn dak il-membru. Kunflitti ta' interess.

(2) Wara li l-iżvelar ikun ġie rreġistrat fil-minuti tal-laqgħa tal-Kumitat Konsultattiv jew tal-Bord Konsultattiv, skont il-każ, dak il-membru għandu jirtira minn dik il-parti tal-laqgħa li fiha l-proġett, il-proposta ta' riċerka, l-għotja, il-borża ta' studju, il-finanzjament, l-appoġġ jew il-kwistjoni rilevanti jkun qed jiġu diskussi jew deċiżi mill-Kumitat Konsultattiv jew mill-Bord Konsultattiv, skont il-każ, u fi kwalunkwe każ, dak il-membru tal-Kumitat jew membru tal-Bord għandu jkun projbit milli jivvota fuq dak il-proġett, proposta ta'

Verżjoni Elettronika

riċerka, għotja, borża ta' studju, finanzjament, appoġġ jew kwistjoni rilevanti.

(3) Jekk il-Kumitat Konsultattiv jew il-Bord Konsultattiv ikun tal-fehma li interess żvelat lilu skont is-subartikolu (1) ikun tali li jissodisfa r-raġunijiet għall-iskwalifika ta' persuna milli tkun membru tal-Kumitat jew membru tal-Bord skont l-artikolu 14(1) (f) jew (g), il-Kumitat Konsultattiv jew il-Bord Konsultattiv, skont il-każ, għandu javża lill-Ministru bil-miktub, u l-Ministru għandu jieħu dawk il-passi li hu jista' jqis meħtieġa f'tali ċirkostanzi, inklużi:

(a) li javża lill-Kumitat Konsultattiv jew lill-Bord Konsultattiv li ma jaqbilx mad-deċiżjoni, filwaqt li jagħti r-raġunijiet tiegħu għall-istess; jew

(b) li jittermina l-ħatra ta' dak il-membru tal-Kumitat jew membru tal-Bord skont l-artikolu 10(2).

Riżenja tal-membri tal-Kumitat Konsultattiv jew tal-Bord Konsultattiv u pubblikazzjoni tal-ħatra u terminazzjoni tal-kariga.

16. (1) Membru tal-Kumitat Konsultattiv jew membru tal-Bord Konsultattiv jista' jirriżenja mill-kariga fi kwalunkwe ħin, permezz ta' ittra indirizzata lill-Ministru u kkupjata liċ-Chairperson tal-Kumitat jew lill-Uffiċjal Kap Eżekuttiv bħala l-President tal-Bord li minnu jkun qed jirriżenja.

(2) Il-ħatra u, jew it-terminazzjoni tal-kariga ta' kwalunkwe persuna bħala membru tal-Kumitat Konsultattiv jew tal-Bord Konsultattiv u t-terminazzjoni tal-kariga ta' kwalunkwe membru tal-Kumitat Konsultattiv jew tal-Bord Konsultattiv għandhom jiġu ppubblikati fil-Gazzetta.

Proċedimenti tal-Kumitat Konsultattiv.

17. (1) Iċ-Chairperson tal-Kumitat Konsultattiv għandu, fuq inizjattiva tiegħu stess jew wara talba ta' kwalunkwe membru tal-istess Kumitat isejjaħ laqgħa. Il-Kumitat Konsultattiv għandu jiltaqa' kemm-il darba jkun meħtieġ.

(2) Il-kworum għal kwalunkwe laqgħa għandu jkun magħmul mill-inqas minn erba' (4) membri tal-Kumitat Konsultattiv. Id-deċiżjonijiet għandhom jiġu adottati permezz ta' maġġoranza sempliċi tal-voti tal-membri preżenti u votanti. Iċ-Chairperson tal-Kumitat Konsultattiv għandu jkollu vot inizjali u, meta l-voti jkunu ndaqs, għandu jkollu vot deċiżiv.

(3) Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet ta' dan l-ordni, il-Kumitat Konsultattiv jista' jirregola l-proċedura tiegħu stess.

(4) Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet preċedenti ta' dan l-artikolu, l-ebda att jew proċediment tal-Kumitat Konsultattiv ma għandu jiġi invalidat sempliċiment minħabba l-eżistenza ta'

Verżjoni Elettronika

kwalunkwe post battal fost il-membri tal-Kumitat, kemm-il darba l-kworum stabbilit skont is-subartikolu (2) ikun ġie sodisfatt.

(5) L-atti kollha magħmula minn kwalunkwe persuna li tkun qed taġixxi bil-*bona fede* bħala membru tal-Kunsill Konsultattiv għandhom ikunu validi minkejja li jiġi skopert xi difett fil-ħatra jew fil-kwalifika tagħha sussegwentement għal kwalunkwe att jew proċediment tal-Kumitat.

Kumitati tekniċi.

18. (1) L-Uffiċjal Kap Eżekuttiv jista' jistabbilixxi kumitati tekniċi sabiex joħorġu opinjonijiet, gwida u rakkomandazzjonijiet dwar temi jew oqsma partikolari ta' riċerka, żvilupp jew innovazzjoni.

(2) Dawn il-kumitati tekniċi għandhom ikunu magħmula minn mhux inqas minn żewġ (2) membri u mhux iktar minn ħames (5) membri. Il-kumitat tekniku għandu jeleġġi president minn fost il-membri tiegħu.

(3) Ir-rimunerazzjoni mħallsa lill-membri ta' kumitat tekniku maħtur skont dan l-artikolu għandha tkun skont kwalunkwe direttivi u linji gwida li jistgħu jinħarġu mill-Aġenzija minn żmien għal żmien.

(4) Id-dispożizzjonijiet tal-artikoli 13, 14 u 15 għandhom japplikaw għall-membri ta' kwalunkwe kumitat tekniku maħtur skont dan l-artikolu.

Ħatriet ta' persunal.

19. (1) Mingħajr ħsara għad-dispożizzjonijiet l-oħra ta' dan l-ordni, il-ħatra ta' uffiċjali u impjegati oħra tal-Aġenzija għandha ssir mill-Uffiċjal Kap Eżekuttiv, skont il-politika tal-Aġenzija minn żmien għal żmien.

(2) L-Uffiċjal Kap Eżekuttiv għandu jaħtar u jimpjega, b'tali rimunerazzjoni u skont dawk it-termini u l-kondizzjonijiet stabbiliti wara konsultazzjoni mas-Segretarju Permanenti, dawk l-uffiċjali u impjegati tal-Aġenzija li jistgħu, minn żmien għal żmien, ikunu meħtieġa għat-twettiq effiċjenti u mistħoqq tal-funzjonijiet tal-Aġenzija.

(3) Minkejja d-dispożizzjonijiet ta' dan l-artikolu, il-Prim Ministru jista', minn żmien għal żmien, fuq ir-rakkomandazzjoni tal-Uffiċjal Kap Eżekuttiv tal-Aġenzija, jordna li kwalunkwe uffiċjal pubbliku jiġi assenjat sabiex iwettaq dmirijietu mal-Aġenzija f'dik il-kapacità u b'effett minn dik id-data li tista' tiġi speċifikata fid-direzzjoni mogħtija mill-Prim Ministru.

Status ta' uffiċjali pubbliċi assenjati sabiex iwettqu dmirijiet mal-Aġenzija.

20. (1) Meta kwalunkwe uffiċjal pubbliku jiġi assenjat sabiex iwettaq dmirijietu mal-Aġenzija skont l-artikolu 18(3), dak l-uffiċjal għandu, fiż-żmien li matulu dik id-direzzjoni tkun effettiva fil-

Verżjoni Elettronika

konfront tiegħu, ikun taħt l-awtorità amministrattiva u l-kontroll tal-Aġenzija, iżda huwa għandu għall-finijiet kollha jibqa' u jiġi meqjus u ttrattat bħala uffiċjal pubbliku.

(2) Bla ħsara għall-ġeneralità tad-dispożizzjonijiet preċedenti, uffiċjal pubbliku inkarigat sabiex iwettaq dmirijietu kif stabbilit:

(a) ma għandux fiż-żmien li matulu jkun hekk assenjat:

(i) jiġi prekluż milli japplika għal trasferiment f'dipartiment tal-Gvern, ikun kif ikun deskritt, skont it-termini u l-kondizzjonijiet tas-servizz annessi mal-ħatra tiegħu mal-Gvern f'dik id-data li fiha jkun ġie hekk assenjat sabiex iwettaq dmirijietu; jew

(ii) jirċievi rimunerazzjoni u jkun soġġett għal kondizzjonijiet tas-servizz li huma anqas favorevoli minn dawk annessi mal-ħatra tiegħu mal-Gvern fid-data msemmija preċedentament, jew li kienu jiġu annessi ma' dik il-ħatra, matul l-imsemmi perjodu, li kieku dak l-uffiċjal ma kienx assenjat sabiex iwettaq dmirijietu mal-Aġenzija; u

(b) għandu jkun intitolat sabiex ikollu s-servizz tiegħu mal-Aġenzija meqjus bħala servizz mal-Gvern għall-finijiet ta' kwalunkwe pensjoni, gratwità, jew benefiċċju taħt l-Ordinanza dwar il-Pensjonijiet jew l-Att dwar il-Pensjonijiet lil Nisa Romol u Tfal Iltiema u għall-finijiet ta' kwalunkwe dritt jew privileġġ li għalih kien ikun intitolat, u responsabbli għal kwalunkwe obbligu li kien ikun jgħajjat lilu, li kieku ma kienx għall-fatt li ġie assenjat sabiex iwettaq dmirijietu mal-Aġenzija.

Kap. 93.

Kap. 58.

(3) Meta ssir applikazzjoni kif provdut fis-subartikolu (2)(a)(i), din għandha titqies bl-istess mod daqslikieku l-applikant ma kienx assenjat sabiex iwettaq dmirijietu mal-Aġenzija.

(4) L-Aġenzija għandha tħallas lill-Gvern dawk il-kontribuzzjonijiet li jistgħu, minn żmien għal żmien, jiġu stabbiliti mill-Ministru responsabbli għall-finanzi dwar in-nefqa tal-pensjonijiet u ta' kwalunkwe gratwitajiet dovuti lil uffiċjal li jkun assenjat mal-Aġenzija fit-twettiq ta' dmirijietu, kif hawn qabel imsemmi, matul il-perjodu li jkun hekk assenjat.

Verżjoni Elettronika

Offerta ta' impjieg permanenti mal-Aġenzija lil uffiċjali pubbliċi assenjati sabiex iwettqu dmirijiethom mal-Aġenzija.

21. (1) L-Aġenzija tista', bl-approvazzjoni tal-Prim Ministru, toffri impjieg permanenti mal-Aġenzija lil kwalunkwe uffiċjal assenjat mal-Aġenzija sabiex iwettaq dmirijietu magħha skont l-artikolu 21(3), b'rimunerazzjoni u skont it-termini u l-kondizzjonijiet li mhumiex inqas favorevoli minn dawk li kien igawdi l-imsemmi uffiċjal fid-data ta' tali offerta.

(2) It-termini u l-kondizzjonijiet ta' kwalunkwe impjieg permanenti offrut mill-Aġenzija skont id-dispożizzjonijiet tas-subartikolu (1) ma għandhomx jitqiesu li huma inqas favorevoli sempliċiment għaliex mhumiex, fl-aspetti kollha, identiċi jew superjuri għal dawk li kien igawdi l-uffiċjal pubbliku kkonċernat fid-data tal-imsemmija offerta, jekk tali termini u kondizzjonijiet meħuda flimkien, fl-opinjoni tal-Prim Ministru joffru benefiċċji li huma sostanzjalment ekwivalenti jew iprem.

(3) Kull uffiċjal pubbliku li jaċċetta impjieg permanenti mal-Aġenzija offrut lilu skont id-dispożizzjonijiet tas-subartikolu (1) għandu, għall-finijiet kollha minbarra dawk tal-Ordinanza dwar il-Pensjonijiet jew tal-Att dwar il-Pensjonijiet lil Nisa Romol u Tfal Iltiema, u bla ħsara għad-dispożizzjonijiet tal-artikolu 22, jitqies li jkun waqaf mis-servizz tiegħu mal-Gvern u li jkun daħal fis-servizz mal-Aġenzija fid-data tal-aċċettazzjoni, u għall-finijiet tal-imsemmija Ordinanza u tal-imsemmi Att, sa fejn applikabbli għalih, is-servizz mal-Aġenzija għandu jitqies li huwa servizz mal-Gvern fil-kuntest tat-tifsiriet rispettivi tagħhom.

Kap 93.

Kap. 58.

(4) Kull tali uffiċjal pubbliku kif imsemmi qabel li, minnufih qabel ma aċċetta l-impjieg permanenti mal-Aġenzija kien intitolat li jibbenefika taħt l-Att dwar il-Pensjonijiet lil Nisa Romol u Tfal Iltiema, għandu jkompli jkun hekk intitolat sabiex jibbenefika taħtu għall-finijiet kollha daqslikieku s-servizz tiegħu mal-Aġenzija kien servizz mal-Gvern.

Kap. 58.

(5) L-Aġenzija għandha tħallas lill-Gvern tali kontribuzzjonijiet li jistgħu, minn żmien għal żmien, jiġu stabbiliti mill-Ministru responsabbli għall-finanzi fir-rigward tal-ispiża tal-pensjonijiet u gratifikazzjonijiet li jkun irċieva l-uffiċjal li aċċetta impjieg permanenti mal-Aġenzija kif imsemmi qabel, matul il-perjodu li jibda fid-data tal-aċċettazzjoni tal-imsemmi uffiċjal.

Persuni meqjusa bħala uffiċjali pubbliċi.

22. Il-membri tal-Kumitat Konsultattiv u l-Bord Konsultattiv tal-Aġenzija u l-uffiċjali u l-impjegati kollha assenjati sabiex iwettqu dmirijiethom mal-Aġenzija skont l-artikolu 18(3), iżda eskluż kwalunkwe uffiċjal li jaċċetta impjieg permanenti mal-Aġenzija skont id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 21, għandhom jitqiesu li huma uffiċjali pubbliċi jew impjegati skont it-tifsira tal-Kodiċi Kriminali.

Kap. 9.

Verżjoni Elettronika

Finanzi.

23. (1) L-Aġenzija għandha tħejji estimi annwali għal kull sena finanzjarja u tissottomettihom għall-konsiderazzjoni tal-Ministru skont in-normi u l-prattiki stabbiliti mill-Ministru responsabbli għall-finanzi.

(2) L-Aġenzija għandha titħallas mill-Gvern mill-Fond Konsolidat dawk l-ammonti li l-Kamra tista', minn żmien għal żmien, tawtorizza sabiex jiġu allokati biex tintlaħaq l-ispiża tan-nefqa operazzjonali u kapitali tagħha kif identifikat fil-pjan tan-negozju finanzjarju jew fil-baġit tagħha.

(3) Il-Ministru jista', wara konsultazzjoni mal-Ministru responsabbli għall-finanzi, jagħti direttivi bil-ħsieb li japplika kwalunkwe eċċess ta' dħul fuq in-nefqa għall-formazzjoni ta' fondi riżerva li għandhom jintużaw għall-għanijiet tal-Aġenzija. Bla ħsara għall-ġeneralità tas-setgħat mogħtija lill-Ministru permezz ta' dan is-subartikolu, kwalunkwe direttiva mogħtija mill-Ministru, kif intqal preċedentement, tista' tordna t-trasferiment lill-Gvern, jew l-applikazzjoni ta' dawk il-fondi b'dak il-mod kif jista' jkun speċifikat fid-direttiva.

(4) Kwalunkwe fondi tal-Aġenzija li ma jkunux meħtieġa immedjatament sabiex jilħqu l-infiq jistgħu jiġu investiti b'tali mod kif jista', minn żmien għal żmien, jiġi approvat mill-Bord Konsultattiv.

Kontijiet u verifika.

24. (1) L-Aġenzija għandha żżomm kontijiet xierqa u rekords oħra fir-rigward tal-operat tagħha u għandha tħejji rendikont fir-rigward ta' kull sena finanzjarja.

(2) Il-kontijiet tal-Aġenzija għandhom jiġu vverifikati minn awdituri ċertifikati.

Rapporti annwali.

25. (1) L-Aġenzija għandha, mhux aktar tard minn sitt (6) xhur wara t-tmiem ta' kull sena finanzjarja, tippreżenta lill-Ministru u lill-Ministru responsabbli għall-finanzi, rapport li jittratta ġeneralment l-attivitajiet tal-Aġenzija matul dik is-sena finanzjarja u li jkun fih rendikont ivverifikat flimkien ma' dik l-informazzjoni relatata mal-proċeduri u l-ħidma tal-Aġenzija kif kwalunkwe mill-Ministri jistgħu minn, żmien għal żmien jeħtieġu.

(2) Ir-rapport imsemmi fis-subartikolu (1) għandu jitqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra mill-Ministru mhux aktar tard minn sitt (6) ġimgħat wara li jkun irċevih, jew fejn l-imsemmija Kamra ma tkunx qed tiltaqa' jew li matulu tkun aġġornata, mhux aktar tard minn ġimgħa (1) wara li l-Kamra terġa' tassumi s-seduti tagħha.

Eżenzjoni mit-taxxi.

26. L-Aġenzija għandha tkun eżentata minn kwalunkwe responsabbiltà għall-ħlas tat-taxxa fuq l-income u taxxa fuq dokumenti

Verżjoni Elettronika

taħt kwalunkwe liġi li tkun fis-seħħ dak iż-żmien.

Dispożizzjonijiet tranżitorji.

27. B'effett mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan l-ordni:

(a) id-drittijiet, il-funzjonijiet u s-setgħat li preżentement huma vestiti fil-Kunsill Malti għax-Xjenza u t-Teknoloġija għandhom jiġu trasferiti lill-Aġenzija kif stipulat bl-artikoli 5 u 6 u l-Kunsill Malti għax-Xjenza u t-Teknoloġija ma għandu jkollu l-ebda obbligi ulterjuri fir-rigward tat-twettiq ta' tali funzjonijiet jew setgħat;

(b) kwalunkwe impenn, kuntratt jew ftehim pendenti konkluż mill-Kunsill Malti għax-Xjenza u t-Teknoloġija jew mill-Aġenzija tal-Kunsill Malti għax-Xjenza u t-Teknoloġija ma' terzi persuni, relatat ma' kwalunkwe mill-funzjonijiet trasferiti lill-Aġenzija, kwalunkwe tali impenn, kuntratt jew ftehim għandu jiġi trasferit lill-Aġenzija li għandha, mid-data hawn fuq imsemmija, tissostitwixxi lill-Kunsill Malti għax-Xjenza u t-Teknoloġija u lill-Aġenzija tal-Kunsill Malti għax-Xjenza u t-Teknoloġija bħala parti fl-imsemmi impenn, kuntratt jew ftehim;

(ċ) kwalunkwe proċeduri legali pendenti fil-konfront tal-Kunsill Malti għax-Xjenza u t-Teknoloġija jew l-Aġenzija tal-Kunsill Malti għax-Xjenza u t-Teknoloġija u tali proċeduri jkunu relatati ma' xi funzjonijiet trasferiti lill-Aġenzija, l-Aġenzija għandha, mid-data hawn fuq imsemmija, tissostitwixxi lill-Kunsill Malti għax-Xjenza u t-Teknoloġija u lill-Aġenzija tal-Kunsill Malti għax-Xjenza u t-Teknoloġija f'tali proċeduri jew għandha issir parti tagħhom;

(d) l-Aġenzija għandha tassumi r-responsabbiltà għall-assi, ir-responsabbiltajiet u l-obbligi kollha li preċedentement kienu miżmuma jew li kienu assumew l-Kunsill Malti għax-Xjenza u t-Teknoloġija u l-Aġenzija tal-Kunsill Malti għax-Xjenza u t-Teknoloġija u li jemanu jew li jirriżultaw mill-funzjonijiet tal-Aġenzija.

Tħassir u riżervi. L.S. 595.20.

28. L-Ordni li Jwaqqaf l-Aġenzija tal-Kunsill Malti għax-Xjenza u t-Teknoloġija huwa b'dan imħassar mingħajr ħsara għal kwalunkwe ħaġa li saret jew li naqset milli ssir taħtu.

Emendi konsegwenzjali

Emendi għar-Raba' Skeda li tinsab mal-Att dwar l-Amministrazzjoni Pubblika. Kap. 595.

29. Ir-Raba' Skeda li tinsab mal-Att dwar l-Amministrazzjoni Pubblika għandha tiġi emendata kif ġej:

(a) il-partita "Kunsill Malti għax-Xjenza u Teknoloġija" għandha tiġi mħassra; u

Verżjoni Elettronika

(b) minnufih wara l-partita "Riżorsi Agrikola Malta" għandha tiġi miżjuda din il-partita ġdida li ġejja:

"Xjenza Malta	Biex tappoġġja l-Gvern f'dak li għandu x'jaqsam max-xjenza, it-teknoloġija, ir-riċerka u l-innovazzjoni.".

Emendi għar-Regolamenti dwar l-Akkwist Pubbliku. L.S. 601.03.

30. Ir-Regolamenti dwar l-Akkwist Pubbliku għandhom jiġu emendati kif ġej:

(a) l-Iskeda 1 tagħhom għandha tiġi emendata kif ġej:

(i) il-partita "Kunsill Malti għax-Xjenza u Teknoloġija" għandha tiġi mħassra; u

(ii) minnufih wara l-partita "WasteServ (Malta) Ltd" għandha tiġi miżjuda l-partita "Xjenza Malta";

(b) fl-Iskeda 3 tagħhom, minnufih wara l-partita "Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma" għandha tiġi miżjuda l-partita "Xjenza Malta."; u

(ċ) fl-Iskeda 16 tagħhom, il-partita "Kunsill Malti għax-Xjenza u Teknoloġija" għandha tiġi mħassra.

Emenda għar-Regolamenti dwar Kuntratti ta' Konċessjoni. L.S. 601.09.

31. Fl-Iskeda 1 li tinsab mar-Regolamenti dwar Kuntratti ta' Konċessjoni, il-partita "Kunsill Malti għax-Xjenza u t-Teknoloġija" għandha tiġi sostitwita bil-partita "Xjenza Malta".